MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Numru 911/2009

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Jessica Mallia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 185682M, akkuzata talli:

1. fil-25 ta’ Jannar 2009 ghal habta ta’ 8:50 p.m. u hinijiet wara fil-Gzira b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza jew ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamlet qliegh ta’ (165.46 Sterling) ekwivalenti ghal valur

ta' madwar 180 Euros ghad-dannu ta' Della Nicola Barmes minn Rahal Gdid.

2. fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi ghamlet qliegh iehor b'qerq cioè il-qliegh ta' madwar 180 Euros ghad-dannu ta' Della Nicola Barmes minn H'Attard.

3. fil-25 ta' Jannar 2009 fil-Gzira kkommettiet serq ta' HSBC Quick Cash Card u 180 Euros ghad-dannu ta' Della Nicola Barmes minn H'Attard, liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-lok.

4. fix-xahar ta' Marzu 2009 waqt li kienet fil-fond 67 Didsbury Triq San Gorg Rahal Gdid ikkommettiet serq ta' 350 Euros ghad-dannu ta' Della Nicola Barmes minn H'Attard, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-persuna, u bil-lok.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-akkuzata tirregistra ammissjoni, fl-liema ammissjoni insistiet anka wara li l-Qorti kkonceditilha zmien li tirrikonsidra.

Rat il-fedina penali netta tal-akkuzata u semghet lill-istess tiddikjara bil-gurament li rrestitwiet parti mis-somma mehuda b'qerq;

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-akkuzata u wara li rat l-Artikolu 308, 309, 261(c)(d), 268, 269, 281(a)(b) u 17 tal-Kap 9, tiddeciedi li tillibera bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, oltre li tordna lill-akkuzata li tirrifondi lid-derubat is-somma ta' 180 Euro zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tac-citat Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------